32000D0029

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-28 ta' Ġunju 1999
dwar il-konklużjoni tal-Ftehim mar-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-istabbiliment tad-drittijiet u l-obbligi bejn l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa 'l waħda, u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja, min-naħa l-oħra, fl-oqsma ta' l-acquis ta' Schengen li japplika għal dawn l-Istati

(2000/29/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 6(2) tal-Protokoll, anness mat-Trattat ta' Amsterdam lit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea li jintegra l-*acquis* ta' *Schengen* fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea;

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu uniku

Il-Ftehim mar-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar it-twaqqif tad-drittijiet u l-obbligazzjonijiet bejn l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa 'l waħda, u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja, min-naħa l-oħra, f'oqsma ta' l-*acquis* ta' *Schengen* li japplika għal dawn l-Istati qiegħed b'dan jiġi approvat.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-28 ta' Ġunju 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

M. NAUMANN